7.6.94.

22

Iltaqajna hawnhekk dalghodu biex nikkomemoraw avveniment li ghandu sinifikat specjali ghal pajjizna u ghal poplu Malti kollu specjalment ghalina li ghandna l-hidma taghna marbuta intrinsikament ma l-istituzzjoni parlamentari ta' dawn il-gzejjer. Okkazjoni li tigi darba f'sena imma li toffrilna opportunita unika li fiha nenfasizzaw ir-rwol krucjali li ghandu l-Parlament Malti fil-mixja ta' pajjizna lejn il-progress demokratiku - progress li huwa minnu nnifsu imxettel fil-valuri ta' liberta, gustizzja socjali, solidarjeta u rispett lejn id-dinjita tal-bniedem.

Irrid infakkar illi l-festa tallum ssib l-gheruq taghha fil grajjiet drammatici li sehhew f'pajjizna qabel u specjalment matul l-1919. Kienu zmienijiet partikolari u difficli ghaliex d-dinja civilizzata kienet, ghal darba ohra, infexxet fil-passatemp brutali u storikament kostanti taghha, fejn poplu ipprova jiddomina popli ohra permezz ta' gwerra mdemmija li spiccat qatlet l-miljuni. Ma setax jonqos li din il-gzira, li hi pajjizna, tispicca ghal darba ohra, involuta u milquta negattivament bl-effetti li ggib maggha kemm il-gwerra, kif ukoll il-paci. Malta, li f'dak iz-zmien kienet opra ta' gwerra konvenjenti hafna ghal kull min ried jiddomina l-bacir tal-Mediterran, sabet ruhha f'diffikultajiet ekonomici kbar ghaliex dan il-poplu, essenzjalment maghgun biex jghix fil-paci ma kullhadd, kien spicca biex l-ghixien dicenti tieghu jkun jiddependi mill-potenzjal militari, kif ukoll mill-infrastruttura li l-gzira setghet taghti biex tappoggja il-magna tal-gwerra.

Ghalhekk, meta bdiet tfegg il-paci f'dik il-gwerra kiefra, bdew ifeggu wkoll l-problemi ekonomici ghal pajjizna bir-rizultat li tfaccaw s-sensji, l-guh u l-ghaks. Izda ma ghaddiex wisq zmien sakemm il-Maltin bdew jifhmu illi dawk is-sagrificcji kollha kienu qieghdin jigu imposti fuqhom mhux ghal ragunijiet li kellhom x'jaqsmu ma l-izvilupp tal-gzira, izda ghal ragunijiet li kienu aktar ta' interess ghal barrani, jew relatati ma interessi barranin. U malli l-poplu taghna fehem dan, allura dak in-nhar inzerghet zerriegha fl-imhuh tal-Maltin, li spiccat biex fl-1919 nibtet moviment patrijottiku determinat li jara li l-poplu Malti jibda jiehdu r-riedni ta' pajjizu f'idejh.

Il-Festa tas-Sette Gugno, tfakkarna f'dan kollu, u huwa d-dover taghna li f'din il-gurnata nazzjonali, nirrikonoxxu dak li sehh u s-sinifikat tieghu. Imma hemm sinifikat aktar profond ghal dawk il-grajjiet; sinifikat li ghandu rilevanza kbira ghalina anke llum, u li jibqa jkollu l-istess rilevanza, anke mal moghdija taz-zmien - anzi nzid nghid illi l-importanza, t-tifsira u l-valur tal-festa tas-Sette Gugno, tikber ma kull pass li pajjizna jiehu fil-mixja tieghu lejn il-progress. Ghaliex is-Sette Gugno jimmarka t-twelid ta' l-ewwel assemblea nazzjonali; l-ewwel parlament Malti kompost minn patrijotti Maltin li fehemu x'inhuma r-responsabiltajiet taghhom lejn pajjizhom u lejn il-poplu Malti. Hija ghalhekk festa li tikkommemora t-twaqqif ta' dik li hi l-ghola Istituzzjoni ta' pajjizna. Hi wkoll festa li taghti gieh lil min jissejjah biex jaghti kontribut dirett jew indirett, biex din l-istess istituzzjoni taqdi l-funzjoni kostituzzjonali taghha, bl-aktar mod wiesgha, bl-aktar mod miftuh u bl-aktar mod effettiv.

Din tallum, ghalhekk, hi okkazzjoni li fiha mhux biss infakkru izda niggustifikaw is-sagrificcji kollha li saru minn dawk li gew qabilna, kemm dawk il-patrijotti li hadu sehem f'dik il-laqgha tal-assemblea nazzjonali li ltaqghet fis-Sette Gugno, kif ukoll dawk il-

parlamentari kollha li kkontribwew anke b'sagrificcju ghal sahhithom matul is-snin kollha li gew wara, inkluz dawk li qieghdin jaghtu kontribut illum. Lista twila ta' nies, kbar u zaghar, nisa u rgiel gejjin minn kull settur tas-socjeta Maltija, imma li lkoll jisthoqqilhom il-gieh li rridu naghtuhom bic-celebrazzjoni ta' din il-Festa nazzjonali.

L-importanza tal-gurnata tallum, hi ghalhekk marbuta ma l-importanza li pajjizna jaghti u jirrikonoxxi lill Parlament Malti kif ukoll lill-parlamentari Maltin. Ahna ghandna sistema ibbazata fuq il-principju ta' demokrazija parlamentari. Kamra wahda komposta minn rappresentanti eletti mic-cittadini Maltin. Rappresentanti migburin f'gruppi politici differenti u kontrastanti. Gruppi li ghandhom qaghdiet, ideali u metodi politici li kulltant jersqu vicin xulxin imma li hafna drabi huma kontrastanti u anke konflingenti ghal xulxin.

U forsi jkun tajjeb jekk f'din l-okkazjoni nerga nenfasizza pubblikament illi l-fatt li s-sistema hi minnha nfisha mibnija fuq il-kuntrast, ma ghandux iwassal messagg ta' firda ghaliex dak hu kuntrast li hu bzonnjuz - anzi essenzjali - biex iwassal lill-pajjizna sabiex jiehu l-ahjar decizjonijiet fl-interess tieghu. Veru li ahna nuzaw kliem bhal Gvern u Opposizzjoni; maggoranza u minoranza, vot favur u vot kontra - kliem li jfissru, konflitt u nuqqas ta' qbil. Imma dan ma jtellef xejn mill-fatt illi l-ghan huwa wiehed uniku u komuni ghal kull min jirfes l-ghatba tal-Kamra tad-deputati - ghan li jara lil pajjizu miexi dejjem izjed il-quddiem, li jara l-poplu Malti jghix hajja li hija dejjem izjed mimlija b'dak li hu tajjeb, li jara li s-socjeta Maltija tkun u tibqa wahda li thaddan dawk il-valuri li jirrispettaw u jaghtu d-dinjita lil kull bniedem kemm f'pajjizna kif ukoll barra minn pajizna.

Jidhirli li huwa dover taghna lkoll li nenfasizzaw dan il-punt ghaliex, fl-opinjoni tieghi, hawn hafna li jinsew illi l-kuntrast fil-parlament huwa l-hmira li bih jinghagen l-interess ahhari tal-pajjiz. Huwa permezz ta' dan il-kuntrast li johrog l-ghan komuni taghna lkoll. Forsi hi kontradizzjoni li ssostni li huwa proprju dan il-kuntrast li jixpruna l-progress. Imma daqs kemm hi kontradizzjoni hi wkoll realta, ghaliex filwaqt li kullhadd jista jiddubita mill-validita ta' xi proposta legislattiva, imma zgur hadd ma ghandu jiddubita mill-intenzjoni finali kemm ta' min jaghmel dik il-proposta kif ukoll ta' min jikkritikha u anke jattakha - intenzjoni soda u volonta herqana li fl-ahhar mill-ahhar isir il-gid lill-pajjizna.

F'dan is-sens, il-grajja tas-Sette Gugno, toffri ezempju car ta' mument storiku f'pajjizna meta opinjonijiet differenti u kontrastanti nghaqdu f'forza wahda, maghquda u soda li ma kellha ebda interess iehor hlief li tara lill poplu Malti padrun tad-destin tieghu. L-istorici Maltin, jghidulna illi l-Assemblea Nazionale ltaqghet ghall-ewwel darba fil-25 ta' Frar 1919, wara li Dr Filippo Sciberras kien hareg appell li kien jistieden lill-korpi kostitwiti kollha biex jibghatu d-delegati taghhom ghall-Assemblea Rapprezentattiva li kellha tiltaqa biex tintalab Kostituzzjoni gdida. F'dik il-laqgha, Sciberras kien ipprezenta mozzjoni li wara nbidlet ma ohra izjed kuraggjuza li kienet titlob awtonomija shiha f'affarjiet lokali. Kienet laqgha li fiha hadu sehem persunaggi Maltin li kellhom opinjonijiet differenti u kontrastanti imma kien proprju dak il-kuntrast li finalment wassal l-assemblea biex unanimament tapprova rizoluzzjoni li, bhal ma jaf kullhadd, wara l-grajja tas-Sette Gugno, wasslet biex Malta jkollha Kostituzzjoni gdida li tat id-dritt lill-Maltin biex jiggvernaw

lilhom infushom f'materji interni, b'kabinett u b'assemblea legislattiva komposta minn rappresentanti eletti minn elettorat aktar wiesgha minn qatt qabel. Anke dak in-nhar, ghalhekk, f'dak li gie deskritt bhala l-ewwel pass lejn parlament tal-Maltin u ghal Maltin, ghalkemm kien hemm l-ilwien ta' opinjonijiet differenti, kien hemm wkoll r-rieda soda ta' kullhadd li jara lill pajjizu jieqaf fuq saqajh.

Ahna li ahna ulied generazzjoni li giet wara li dan kollu ghadda ghall-istorja, ma ghandniex naghmlu d-dnub li nitilfu s-sinifikat kbir li kellu dan l-izvilupp fil-mixja kostituzzjonali ta' pajjizna. Dak kollox li llum qieghdin flimkien ingawdu, fosthom s-sistema demokratika, s-sistema parlamentari, d-dritt tal-vot u allura d-dritt ta' l-ghazla tal-partit li ser jiggverna u d-dritt ta l-ghazla tar-rapprezentanti parlamentari - dan kollu jsib l-gherq tieghu fil-konsegwenzi diretti tal-grajja tas-Sette Gugno. U jkun nuqqas kbir li jista anke jkollu konsegwenzi serji, jekk inhallu z-zmien inessina s-sagrificcji kbar li saru matul is-snin sabiex ahna u wliedna jkollna l-ghodda li ghandna bzonn biex b'idejna u b'mohhna niskulturaw il-prezent u nfasslu l-futur.

Forsi jkun tajjeb ukoll jekk f'dan il-kuntest, insemmi aspett iehor li hafna drabi jintesa imma li zgur ghandu rilevanza partikolari ghat-tifsira ta' din il-festa tallum. Ghaliex ma ghandniex ninsew illi l-kuntest li fih sehhew l-izviluppi kostituzzjonali ta' pajjizna b'rizultat dirett tas-Sette Gugno, kien jinkludi wkoll dak li gara malli spiccat l-ewwel Gwerra dinjija, u cjoe malli gie iffirmat t-trattat ta' Versailles. Dak it-trattat gie iffirmat fit-28 ta' Gunju tal-1919 - wiehed u ghoxrin gurnata wara li sehhew l-fatti li qieghdin nikkommemoraw llum. Dak kien trattat li kien storiku ghal hafna ragunijiet imma forsi jibqa maghruf l-aktar ghaliex kien inspirat mill-principju li kull poplu ta' kull nazzjon kellu d-dritt naturali li jiddetermina hu x'ghandu jkun d-destin tieghu, u allura kien mibni fuq id-dritt illi kull poplu, zghir jew kbir, ghandu biex imexxi lilu nnifsu u jaghzel b'mod liberu u demokratiku, dak li hu jahseb li jkun fl-ahjar interess tieghu.

Kien f'dan l-isfond drammatiku, b'retroscena li kienet tinkludi zviluppi internazzjonali, li Malta bdiet il-mixja kostituzzjonali lejn il-genesi taghha bhala nazzjon. Tant hu hekk illi f'Novembru ta' dik l-istess sena, l-Gvern ingliz, habbar li kien wasal il-waqt li l-Maltin "jigu fdati bil-kontroll responsabbli w shih ta' hwejjeg purament lokali" u fl-1921, pajjizna ghadda ghall-istat ta' Gvern semi-responsabbli. Malta kienet l-ewwel kolonja ingliza li gawdiet il-frott tal principju li kien ispira t-trattat ta' Versailles, u dan sehh b'mertu ta' l-isforzi u s-sagrificcji li kien ghadda minnhom l-poplu Malti u l-mexxejja ewlenin tieghu f'dawk ix-xhur u snin daqstant iebsa.

Is-Sette Gugno jirrapresenta dan kollu u anke izjed, ghaliex mhux biss jimmarka l-punt fl-istorja ta' pajjizna meta bdiet tfegg l-identita kostituzzjonali taghna, imma jimmarka wkoll ghazla importanti li pajjizna ghamel meta ddecieda x'sistema parlamentari ried biex jiggverna lilu nnifsu.

F'sistema bhal ma hi taghna, bbazata fuq it-teorija tas-separazzjoni tal-poteri, l-parlament jaqdi funzjoni li ma tistax tigi ezercitata mill-ezekuttiv u wisq inqas mill-Qrati taghna. L-ezekuttiv ghandu r-rwol u r-responsabbiltajiet tieghu. Huwa jamministra l-pajjiz u

jiggverna billi jimplimenta il-ligijiet. Imma fil-qadi ta' dan id-dmir, l-ezekuttiv irid bilfors isegwi l-ligijiet li jaghddu u jigu approvati mill-Parlament. Jista jkun l-ezekuttiv stess li jipproponi dawk il-ligijiet, imma huwa l-parlament, fl-insjem tieghu, li jaghrbel dak li jigi propost u f'sistema demokratika, jaccetta, ibiddel jew jichad dawk il-proposti. Il-Parlament ghandu wkoll funzjoni ohra importanti, u cjoe dik li jissorvelja l-operat tal-Gvern u jara li jinghata rendikont gust u trasparenti fl-amministrazzjoni tal-hwejjeg pubblici.

Il-Parlament, ghalhekk, ghandu dawn iz-zewg funzjonijiet unici imma krucjali ghad-demokrazija, u huwa d-dover taghna lkoll li naraw illi din l-istituzzjoni titpogga f'sitwazzjoni li tkun tista taqdi dawn id-doveri b'mod dejjem izjed effikaci minn dak li ghandna llum. Dan hu process li ma jistax u ma ghandux jieqaf, ghaliex din l-istituzzjoni ghandha tkun dinamika, fis-sens li titbiddel u tiggedded skond il-bzonnijiet u c-cirkostanzi taz-zmienijiet li nkunu ghaddejin minnhom. Bizzejjed inharsu lejn il-legislazzjoni li giet quddiem il-Kamra tad-Deputati, sabiex nifhmu illi aktar kemm jaghddi z-zmien aktar qed insibu ligijiet li huma teknici; ligijiet li jkunu kompliklati u li allura jirrikjedu riflessjoni serja u oggettiva, kulltant anke gharwiena minn konsiderazzjonijiet politici.

Dan kollu jfisser illi l-istituzzjoni parlamentari Maltija ghandha tinghata l-ghodda biex tkun tista taqdi dawn il-funzjonijiet kif jixraq f'sistema demokratika moderna ghaliex Parlament b'sahhtu jfisser Demokrazija b'sahhitha. U allura l-isforzi li saru biex nintroducu sistemi godda ta' kif isir ix-xoghol parlamentari, ghandu jigi konkluz malajr kemm jista jkun. Veru li sistemi godda jistghu jgibu problemi godda imma dan ma ghandux izommna lura milli niehdu d-decizjonijiet li hemm bzonn li niehdu, forsi anke b'certu kuragg, imma dejjem b'responsabbilta. U hawnhekk, pubblikament irrid nirringrazzja liz-zewg nahat tal-Kamra ghall-kontribut kbir li huma taw u qieghdin jaghtu sabiex nintroducu t-tibdiliet li hemm bzonn biex inkomplu nsahhu d-demokrazija parlamentari f'pajjizna. Huwa kontribut li hafna drabi jinghata minghajr fanfari u minghajr pubblicita; kontribut li jfisser taghbija ta' responsabbilta enormi, imma wkoll kontribut li nghata b'vizjoni cara, b'imhabba lejn il-pajjiz, u b'impenn lejn il-valuri demokratici li ahna lkoll nhaddnu b'tant ghozza.

Irrid nghid illi din hija konsiderazzjoni li ghandna nifirxuha fuq il-membri parlamentari kollha kif ukoll fuq dawk il-Maltin u Ghawdxin li jaghzlu li jaghtu kontribut lejn pajjizna permezz ta' impenn politiku li eventwalment jista jissarraf f'impenn parlamentari. Irrid ghalhekk nirrepeti u nenfasizza l-punt illi l-festa tallum hija wkoll okkazjoni li matulha naghtu gieh politici Maltin specjalment lill-parlamentari Maltin. Sfortunatament, mhux biss f'pajjizna imma anke f'pajjizi barranin, il-politiku u l-parlamentari hafna drabi jridu jsofru l-umiljazzjoni ta' kritika ngusta li tinsa r-responsabbiltajiet kbar li huma jerfghu fuq spallejhom malli jiehdu dik id-decizjoni li jaghtu sehem fit-tmexxija ta' pajjizna. Spiss din hija kritika li tinsa li l-politiku huwa essenzjalment u fil-maggoranza assoluta, persuna onesta u integra, li tkun qieghda taghmel sagrificcji kbar - sagrificcji li bla ebda dubbju ta' xejn, jeffettwaw il-hajja personali ta' l-individwu u tal-familja tieghu.

Pajjizna ma ghandu qatt jinsa illi l-mertu tal-liberta li qieghed igawdi huwa l-ewwel u qabel kollox mertu tal-membri parlamentari kollha li tul is-snin twal li ghaddew minn fuq pajjizna, ghamlu kull ma setghu biex b'responsabbilta iwittu t-triq halli din il-gzira li tant

rat fuq wiccha, jirnexxilha taghggeb lill kullhadd u tistghana mhux biss mill-aspett ekonomiku, imma anke mill-aspett socjali mibni fuq il-kobor tal-valuri umani u r-rispett tad-dinjita tal-bniedem. Dan kollu sehh fi zmienijiet meta pajjizi ferm akbar minna tfarrku jew qieghdin jitfarrku b'inkwiet intern li jgib il-misthija lill-umanita kollha kemm hi.

Jiena ghalhekk insellem lill-parlamentari kollha, u ninkludi maghhom lill kull min ghazel li jidhol fil hajja politika, dawk li huma mnizzla fil kotba ta' l-istorja ta' pajjizna bhala kontributuri politici zghar jew kbar, kif ukoll lill dawk li llum, lkoll f'daqqa, jiffurmaw l-Kamra tar-Rappresentanti Maltija jew b'xi mod huma mdahhla fil-process politiku ta' pajjizna. Insellimilhom b'rispett u b'apprezzament u nirringrazzjhom ghaliex taw lill poplu Malti dak li ebda barrani ma seta qatt itih - tawh id-dinjita ta' poplu; tawh id-demokrazija; tawh il-liberta; tawh il-paci u l-prosperita.

Nirringrazzjakom.

7.6.94.